Qorti tal-Appell Kriminali

Onor. Imhallef Dr. Consuelo Scerri Herrera LL.D.

Appell Nru: 421/2018

Il-Pulizija

(Spettur Priscilla Caruana Lee)

Vs

Fabian Sciriha

Illum 14 ta Gunju 2019

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Fabian Sciriha detentur tal-karta tal-identità Maltija bin-numru 266885M, akkuzat quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali:

Talli nhar l-4 ta' Frar 2018 fil-lukanda Excelsior, Triq l-Assedju l-Kbir fil-Floriana, bejn it-15:00 u 15:25:

(a) ikkommetta serq ta' żewġ basktijiet b'kontenut divers għad-dannu ta' Shohei Nishimura u Mayo Jinnai u/jew ta' persuni oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li ma jiskorrix l-€2329.37) bi ksur tal-artikoli 261 (c), 267, u 279 (a) tal-Kodiċi Kriminali;

(b) ikkommetta serq ta' basket b'kontenut divers għad-dannu ta' Robert Newdick u Deborah Janet Newdick u/jew ta' persuni oħra liema serq huwa kkwalifikat bil-valur (li ma jiskorrix l-€2329.37) bi ksur tal-artikoli 261 (c), 267, u 279 (a) tal-Kodiċi Kriminali;

(c) talli laqa' għandu ħwejjeġ misruqa bi ksur tal-Artikolu 334 (a) tal-Kodiċi Kriminali;

(d) talli huwa reċidiv ai termini tal-artikoli 49, 50 u 289 tal-Kodiċi Kriminali.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali tas-7 ta' Novembru, 2018, fejn il-Qorti wara li rat l-Artikoli 17 (b), 31, 49, 50, 261 (c), 267, 279 (a), 289 u 334 (a) tal-Kodiċi Kriminali, sabet lil Fabian Sciriha, fuq l-ammissjoni inkondizzjonata tiegħu stess, ħati tal-imputazzjonijiet numri wieħed u tnejn u li huwa reċidiv u kkundannatu hmistax-il xhar prigunerija filwaqt li astjeniet milli tieħu konjizzjoni ulterjuri tat-tielet imputazzjoni.

Rat dak li gie verbalizzat fis-eduta ta-26 ta' Frar, 2019 fejn Dr Marc Sant ghar-rikorrenti stqarr li kien bi hsiebu jippresenta rikors sabiex jitlob lil din il-Qorti tikkonverti ruhha f'Qorti ta' Droga ai termini tal-artikolu 8 tal-kap 537 tal-ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikros tieghu prezentat nhar l-14 ta Marzu 2019 fejn talab lil din il-Qorti sabeix ai termini tas-sub artikolu 3 tal-Artikolu 8 tal kap 537 tal-ligijiet ta' Malta tikkonverti

ruha fi Drug Court u talab sabeix iressaq is-segwenti xhieda saebix jissodisfa lil din l-Onorabbli Qorti bil-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub artikolu 2 tal artikolu 8 tal ka-537 u cioe lil Dr Moses Camilleri, Dr Anthony Dimech, Ms Lorraine Mifsud u lil Marielouise Sammut .

Illi l-Avukat Generali b'risposta tieghu pprezentata fir-registru ta' din il_Qorti nhar il-21 ta' Marzu, 2019 iddikjara li ma kellux oggezzjoni ghat-talba kif dedotta mir-rikorrenti fir-rikors tieghu tat-18 ta' Marzu, 2019.

Illi nhar it-2 ta April 2019 xehdet **Joanna Buhagiar Fiott** bhala rappresentant tad-Detox u pprezentat rapport li gie markat bhala dok S fejn hemm rakkont maghmul minn Dr Moses Camilleri . Spjegat li r-rikorrenti holoq kuntatt mac- Centru tad-Detox fit-3 ta' Awwissu, 2015 meta kellu 20 sena u ammeta li l-ewwel darba li ghamel uzu mid-droga kien meta kellu hmistax-il sena . Beda juza id- droga Eroina meta kellu 19 u minn ftit xhur qabel beda juza din id-droga billi jittaqqab. Qabel ma ghamel kuntatt mad- Detox ir-rikorrenti kien gja ghamel xi zmien il-habs

Fl-10 ta' Marzu, 2006 kien zar ic- centru tad Detox akkompanjat minn ufficcjal tal probation u minn councillor. Minhabba li kien jidher car li progress ma kienx qed isir. Sa sena u nofs wara u cioe sa l- 1 ta' Ottubru, 2007 kien attenda diveri drabi fic-centru tad- Detox akkompanjat mill-pulizija minhabba li kien ikun arrestat, Wara din id-data tilef il-kuntatt mac- centru tad- Detox ghal perijodu ta' sentejn. F'dawn is-sentejn qad hafna miz zmien il-habs. Rega stabilixxa kuntatt mac- Centru Detox fid-19 ta' Dicembru 2009 ghaliex kien rega beda jghamel uzu mill-Eroina u rega inbeda fuq il-kura tal- methadone.

Kien hemm svolta ghall- ahjar meta tul is-sena 2010 beda juri li qed jghamel progress. Sa Dicembru 2010 beda nake jirnexxilu joqghod minghajr ma juza l-Eroina waqt li kompla jiehu l-methadone. F'dan iz-zmein kien qed jigi segwit gewwa c Centru tad-Detox mit-team tal-psikjatri u kien qed jricievi kura ghal ansjeta. Irnexxilu itawwal iz- zmien li jibqa' ma juzax drogi ghall-perijodu ta' sentejn.

F'Ottubru, 2012 waqaf imur fic Centu tad-Detox anke wara li kien dahal l-Isptar Monte Carmeli sabiex ikun jista jwaqqaf il-kura tal- methadone.

Fi Frar 2014 rga ghamel kuntatt mac -Centru tad-Detox u kien rega beda juza d-droga Eroina u kien jidher li kien qata lura f'sahtu. Rega beda l-kura tal -methadone. Sa lulju,2016 kien ghadu ma giex ghall-ahjar. Aktar kumplikazzjonijiet f'sahtu komplew jinqalghu minhabba uzu ta' labar. F'Lulju, 2016 rega tilef kuntatt mac-Centru tad- Detox.

F'Lulu, 2017 rega mar jitlob l-ghajnuna gewwa ic-Centru tad-Detox wara li rega beda juza l-eroina. Sa Frar, 2018 kien ghadu mhux qed juri sinjali li gej ghall-ahjar. Wara Frar, 2018 ma regax mar ic-Centru tad- Detox.

**Marie louise Sammut ,** social worker xehdet nhar it-2 ta' April 2019 u spjegat li hija tahdem bhala social worker gewwa il-Facilita Korrettiva ta' Kordin u tiehu hsieb lil Fabian u qalet li r-rikorrenti ilu taht il-kura taghha sa minn Ottubru 2018 .

Spjegat li dan dahal fil-Facilita Korrettiva ta' Kordin fis-26 ta' Settembru, 2018 b'sentenza ta' sentejn u hames xhur prigunerija. L-ewwel kuntatt kien fil-5 ta Ottubru, 2018 gejn kienet iltaqghet meighu flimkien mal-care plan co ordinator tieghu. Il-plan tal-kura li gie deciz kien li r-rikrrenti jinghata l-ghajnuna biex jindirizza erba' fatturi u cioe il-vizzju tad-droga, hin produttiv gewwa il habs, akkomodazzjoni la johrog mill-habs u impieg. Sa mill-bidu net irrizulta li r-rikorrenti ser ikollu problema ta' akkomodazzjoni u anke problema finanzjarja meta jigi biex johrog peress li m' ghandux fejn jghix u huwa boarded out u jghix biss bil-beneficcji socjali li huma ta' madwar 500 euro fix-xahar. Minkejja dan, il-problema tad-droga hija l-prijoroita u ghalhekk kien qed jigi imheggeg biex japplika ghal programm ta rihabilitazzjoni.

Cio nonnostante pero dan ghandu ma appliakx ghal programm. Gi rierut ghal support psikologiku u qed ikun segwit min psychologist practioner tal-Facilita bil-ghan li titjieb il-motivazzjoni.

Tghid li ghaud taht il-kura tal methadone u jiehu 45cc.

Tghid li hu mhux motivat biex jibda programm. Qalet li hemm waiting list ghal dan il-programm u jekk ma tapplikax zgur li ma tkunx ghadek fuq il-waiting list . Hija pprezentat r-rapport taghha li gie market bhala dok FS ( fol. 137).

**Loraine Mifsud** social worker mas Sedqa xehdet nhar it-2 ta April 2019 u spjegat li l-ahhar darba li kellha kuntatt mar-rikorrnti kien fit-30 ta Gunju 2017. Qalet li pprovat tagheml kuntatt mieghu anke hallit messaggi gewwa id Detox peres li kien qed jiehu l-methadone imqma qatt ma irceviet lura minghandu u ghalhek kftit xhur wara li ma ratux ghalqet il-kaz ghax ma kellhie fejn tikkuntattjah. Mistoqsija jekk tafx jek khem mpersuna li qed issegwih is Sedqa tghid li ma tafx.

Fid-9 ta' Mejju, 2019 xehed **Dr Moses Camilleri** u kkonferma dak mistqarrminu fir-rapport esebit fl-atti mix-xhud Joanna Buhagiar Fiott peo zied jghid li huwa ma nnota progress fir rigward tar rikorrenti bie xjindirizza il-problema tieghu ta abbuz ta droga u ma hemmx ghalfejn ikun il habs bei xjindirizza il-kura tieghu.

**Dr Dimech,** psikjatra xehed nhar id-9 ta' Mejju, 2019 u kkonferma li kien ra lir-rikorrenti bejn is-ena 2011 u is-sena 2012 gewwa ic Centru tad-Detox u jsita jkukn l-isptar Monte Carmeli pero ma hux pazjent li jaqa' tahtu . Qal li dak iz-zmen ir-rkorrenti kien jabbuza mid-droga kie ibati minn depressjoni u kellu modd swings qawwija . Jghid li pero testijiet psikjatrici formali qatt ma sarulu. Qal I huw apersuna vulnerabbli hafna . Jghix hajja raffa fejnjiltaqa' ma nies li ma jghinuhx. Qal li anke ghandu livell baxx ta' intellet .

Semghet lill-partijiet.

Ikkunsidrat.

Din il-Qorti ghalhekk ezaminat dak li jipprovdi l-artikolu 8 (1) tal-Kap 537 tal-Ligijiet ta' Malta ai fini tat-talba tal-appellanti lijipprovdi s-segwenti:-

8. (1) *Meta l-persuna akkużata hija mixlija b'reat kontra l-liġijiet dwar id-droga fir-rigward ta' kwantità ta' droga projbita li,irrispettivament mit-tip tad-droga jew mill-purità ma taqbiżx il-kwantità ta' droga elenkata fil-Linji Gwida li jinsabu fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi jew fir-Raba'Skeda tal-Ordinanza dwar il-Professjoni Medika u l-Professjonijiet li għandhom x'jaqsmu magħha bħala kwantità ta' droga li tindika lil-persuna akkużata m'għandhiex tiġi riferita għal procedure quddiem il-Qorti Kriminali, jew hi akkużata bit-twettiq ta' xi reat li għalih hemm piena ta' mhux aktar minn seba' snin priġunerija , u l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti, il-Qorti tista', wara li tisma' s-sottomissjonijiet magħmula f'isem il-persuna akkużata u f'isem il-prosekuzzjoni u wara li tisma' kull xhud li l-Qorti tqis bħala neċessarju li jinstema' , toħroġ digriet li permezz tiegħu l-Qorti tassumi l-funzjoni ta' Qorti dwar id-Droga.*

Illi ghalhekk jidher car li sabiex dak li jkun jista' jghamel tali talba quddiem din il-Qorti u cioe' sabiex tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga iridu jigu sodisftti b'mod preliminari zewg rekwiziti u cioe:

1. Ir-reat li jkun akkuzat bih ma jistax ikollu piena li teccedi seba' snin priġunerija u f'kaz li din il-kondizzjoni hija sodisfatta jibqa' t- tieni kundizzjoni u cioe

2. Li l-kundizzjonijiet imsemmija fis-subartikolu (2) huma sodisfatti.

Il-kundizzjonijiet li għandhom jiġu sodisfatti għall-finijiet tas-subartikolu (1) huma dawn li ġejjin:

(a) li r-reat kontra l-liġijiet dwar id-droga jew kontra kull liġi oħra li bih il-persuna akkużata hi mixlija hu sostanzjalment attribwibbli għad-dipendenza ppruvata fuq id-droga tal-akkużat;

(b) li r-reat kontra xi liġi oħra li mhix il-liġijiet dwar id-droga li bih il-persuna akkużata hi mixlija ma jikkonsistix f'reat volontarju kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv;

(ċ) li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga

Illi pero din il-Qorti ma tistax tara jekk l-kundizzjonijiet imsemmija fis-sub inciz (2) humiex sodisfatti qabel ma taccerta ruhha li l-piena ghar-reati adadebtati fil-konfront tal-appellanti ma tecceddix is-sebgha snin prigunerija.

Illi fil-kaz in ezami jidher car li l-piena tar-reati addebitati fil-konfront tal-appellanti ma jeccedux is-sebgha snin. Ghalhekk tista tara jekk ic-cirotanzi imsemmija fis-sub inviz (2) japplikawx.

Jidher li fil-perijodu meta r-rikorrenti kkometta ir-reati in kwisjtoni u cioe fi Frar 2018 huwa kien dependenti mid-droga u li r-reati akkuzt bihom ma humiex reati naxxenti mill-ligi tad- Droga u lanqas ma huma reati volontarji kontra l-persuna jew f'att kriminali mwettaq waqt li l-persuna akkużata kienet fil-pussess ta' armi regulari jew bl-użu ta' nar jew splussiv.

Jibqa pero' it-tielet kundizzjoni u cioe' dak dipost fl-artikolu 8(2)(c) tal-kap 537:-

*"li hemm raġunijiet oġġettivi li jindikaw li l-persuna akkużata x'aktarx tiġi riabilitata mid-dipendenza fuq id-droga jew li għamlet progress jew sforz sostanzjali sabiex teħles mid-dipendenza mid-droga"*

Jidher mix-xhieda mismugha li r-rikorrenti ilu jabbuza mid-droga sa minn meta hellu hmsitax-il sena fejn meta kellu dsatax-il sena kien gja jittaqqab sabiex jinjetta lilu innifsu bid-droga Eroina. Jidher li huwa attenda ghal diversi snin fic-Centru tad-Detox, fis-Sedqa u anke kellu l-ghajnuna ta' psikologi, psikjatra tobba u cio nonnostatne li m'gharafx jisfrutta dawn l-opportunitajiet u minflokk baqa' ghaddej fil-hajja ta' droga. Zgur kif del resto qal Dr. Dimech u Loraine Mifsud li l-motivazzjoni biex jibda' programm u jindirizza b'mod serju l-problema ta' abbuz ta' droga li huwa ghandu bzonn ma hemmx.

Din il-Qorti ghalhekk hija prekluza mill-ligi stess li tikkonverti ruha fi Qorti ta' Droga, stante li dak diposta fl-artikolu 8(2)(c) tal-Kap 537 tal-Ligijeit ta' Malta ma giex sodisfatt u konsegwentement tichad it-talba tar-rikorrenti u tordna li l-kaz jigi trattat fuq il-mertu tal-appell.

(ft) Consuelo Scerri Herrera

Imhallef

VERA KOPJA

Franklin Calleja

Deputat Registratur